**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 207/2000**

**Il-Pulizija (Spettur D. Galea)**

**Vs**

**ANTHONY GAUCI**

**Illum, 14 ta'Frar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Anthony Gauci gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta'Settembru, 1999, naqas li jottempera ruhu ma' digriet numru 229/1999, moghti mill-Imhallef Francesco Depasquale LL.D., mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta'Marzu, 1999, li permezz tieghu hu kien obbligat li jmantni lill-martu Anne Marie Gauci kull nhar ta'Hamis ta' kull gimgha.

Rat is-sentenza moghtija fit-3 ta'Ottubru, 2000, mill-fuq imsemmija Qorti li biha sabet lill-Anthony Gauci hati ta' din l-akkuza w kkundannatu Lm25 ammenda. Rat ir-rikors t'appell ta'Anthony Gauci datat 12 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet ix-xhieda, rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-appellant qed isostni li hu qatt ma setgha jigi misjub hati mill-ewwel Qorti l-ghaliex l-akkuza kif dedotta kontrih f'dawn il-proceduri kienet gja' giet deciza mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza precedenti taghha tas-16 ta'Mejju, 2000.

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li din il-Qorti mhiex qed taccetta bhala prova ammessibbli quddiemha d-dokument "A" esebit mill-appellant mar-rikors t'appell tieghu, liema dokument huwa kopja tas-sentenza msemmija tas-16 ta'Mejju, 2000. Dan hu hekk l-ghaliex dak id-dokument qatt ma kien gie esebit

waqt is-smigh tal-provi quddiem l-ewwel Qorti, ghalkemm l-appellant, allura imputat, kellu kull opportunita' jew facilita' li jghamel hekk minghajr ebda xkiel. Dokumenti li ma jigux prezentati waqt is-simgh tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma jistghux jigu wara prezentati waqt l-appell minghajr awtorizzazzjoni ta'din il-Qorti, liema awtorizzazzjoni, fi kwalunkwe kaz, tinghata biss eccezzjonalment.

L-appellant qatt ma talab il-permess specjali ta' din il-Qorti biex jesebixxi dan id-dokument u, ghalhekk, f'dan ir-rigward din il-Qorti mhiex qed tiehu konjizzjoni tieghu bhala dokument li ghandu valur probatorju.

Illi l-akkuza odjerna tirriferi ghax-xahar ta'Settembru, 1999, meta jirrizulta kjarament mill-atti processwali li d-digriet tas-Sekond Awla numru 229/99, li in bazi tieghu harget l-akkuza in ezami w li bih l-appellant gie ordnat li jhallas l-ammont ta'Lm150 lill-martu bhala manteniment, ma kienx ghadu gie mibdul. It-tibdil f'dan id-digriet sar b'digriet iehor sussegwenti tas-Sekond Awla datat 19 ta'Ottubru, 1999, fejn l-ammont ta' mantenimnet gie ridott ghall-Lm100 b'effett mil-ewwel gurnata tal-Hamis wara d-data ta' dak id-digriet, cioe', kjarament dejjem wara Settembru, 1999.

Jirrizulta li f'Settembru, 1999, l-appellant ma hallasx lill-martu s-somma kollha ta'Lm150 kif obbligat li jghamel bid-digriet li sa dik in-nhar kien ghadu in vigore, dak numru 229/99, u ghalhekk, in bazi ta' dawn il-provi w rizultanzi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni taghha li biha sabet u ddikjarat l-appellant hati.

Dan kollu premess, ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti tiddikjara li taqbel mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti tant li ma hemm xejn li tbiddel fiha kemm ghal dak li huwa l-meritu kif ukoll ghal dik li hija l-piena nflitta minnha fuq l-appellant, qedha, ghalhekk, tichad l-appell ta'Anthony Gauci w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur